**25 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Falliment tan-Neguzjan Henry Shirley Furniss-Roe

**Falliment — Ċessazzjoni tal-Pagamenti.**

*L-istat ta' ċessazzjoni tal-pagamenti ta' kummerċjant jikkonsisti fin-nuqqas tiegħu li jissoddisfa puntwalment l-obligi li jkun assuma; liema stat jimmanifesta ruħu bir-rifjut tal-pagament.*

*Għalhekk, huwa l-istat tal-insolvenza li jikkostitwixxi l-falliment, u mhux l-istat ta' insolvibbilità.*

*Hija opinjoni komuni li biss iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti għall-obligazzjonijiet kummerċjali tista' tipproduċi l-falliment; u l-liġi tagħna ma tgħid xejn kuntrarju; però, għalkemm iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti ċivili ma tibbastax, weħedha, biex tiddetermina l-falliment, għandha tiġi meħuda in kalkolu meta tkun unita maċ-ċessazzjoni tal-pagamenti kummerċjali.*

*Iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti trid ukoll tkun ġenerali; u dan hu fatt kompless li l-Qorti għandha taċċerta in bażi għall-fatti speċifiċi u determinati; dejjem taħt il-konċett illi l-inadempjenza għandha tkun l-effettiva manifestazzjoni tal-impotenza tad-debitur li jħallas.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza in data 24 ta' Ottubru 1958, li biha l-imsemmi Neguzjant Henry Shirley Furniss-Roe ġie dikjarat fi stat ta' falliment, u li hu waqaf mill-pagamenti fl-10 ta' Settembru 1958, salv li tiġi stabbilita fil-kors tal-proċeduri tal-falliment tiegħu kull data oħra anterjuri;

Peress li l-provi li jirrigwardaw il-proċeduri juru li għandha tiġi fissata data oħra diversa minn dik ġa ndikata bħala dik li fiha l-fallit waqaf mill-pagamenti;

Wara li kkunsidrat, fuq dan il-pont;

Illi l-awturi u l-ġurisprudenza huma konkordi illi l-istat ta' ċessazzjoni tal-pagamenti jikkonsisti fin-nuqqas ta' kummerċjant li jissoddisfa puntwalment l-obligi li jkun assuma; liema stat jimmanifesta ruħu bir-rifjut tal-pagamenti;

Illi, għalhekk, hu l-istat ta' insolvenza li jikkostitwixxi l-falliment u mhux l-istat ta' insolvibbiltà; u għalhekk ma jgħodd xejn l-iżbilanċ tal-azjenda, u lanqas il-kondizzjoni ekonomika tal-kummerċjant li jiddisipa ġidu, għaliex, għalkemm il-passiv ikun jissupera l-attiv, għalkemm kbir ikun id-dissest, għalkemm temerarji jkunu l-impriżi, sakemm il-kummerċjant iħallas id-debiti tiegħu u jonora l-impenji proprji, basta ma jirrikorrix għal mezzi rovinożament u frawdolentement prokurati, ma jistgħax jiġi dikjarat fallit; kif minn naħa l-oħra ma tibbastax, biex issalvah mill-falliment, il-prova li l-attiv jissupera l-passiv, jekk ikun naqas li jagħmel il-pagament. "Vi ha cessazione dei pagamenti", jgħid Dr. Debono tagħna, "allorquando un commerciante non trova più credito per reggersi e provvedere al bisogno del proprio commercio, sicchè, non potendo più nè pagare effettivamente, nè appigliarsi a spedienti per mezzo di oneste e momentanee operazioni di credito, deve arrestare i propri affari";

Illi l-istess ġurekonsult jgħid ukoll li hija opinjoni komuni li biss iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti għall-obligazzjonijiet kummerċjali tista' tipproduċi falliment. F'leġislazzjonijiet oħra, per eżempju f'dik Taljana, jingħad espressament illi ċ-ċessazzjoni tal-pagamenti hi dik relatti-

vament għall-obligazzjonijiet kummerċjali. Il-liġi tagħna dan ma tgħidux; iżda kienet tgħidu l-Ordinanza nru. I tal-1846; u l-imsemmi Debono jopina illi d-dispożizzjoni ta'-liġi preċedenti tiġġjova għall-interpretazzjoni f'sens konformi u għall-applikazzjoni retta tal-liġi viġenti, li ma tgħid xejn fil-kuntrarju;

Illi, però, għalkemm iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti ċivili ma tibbastax, weħedha, biex tiddetermina l-falliment, għandha tiġi meħuda in kalkolu meta tkun unita maċ-ċessazzjoni tal-pagament kummerċjali;

Illi ċ-ċessazzjoni tal-pagamenti trid tkun ukoll ġenerali; u dan hu fatt kompless li l-Qorti għandha taċċerta in bażi għall-fatti speċifiċi u determinati, dejjem taħt il-konċett illi l-inadempjenza għandha tkun l-effettiva manifestazzjoni tal-impotenza tad-debitur li jħallas;

Bl-applikazzjoni tar-regoli esposti għal dak li jirriżulta mill-kumpless tal-provi, speċjalment mid-depożizzjoni tal-fallit u tal-Arkitett u Inġinier Ċivili Cutugno, u mill-proċeduri ġudizzjarji li ttieħdu kontra l-fallit, iż-żmien li fih l-imsemmi Neguzjant Furniss-Roe waqa' fi-istat taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti kien bejn Lulju u Awissu 1958, ċertament mhux aktar tard mill-ewwel ta' Awissu 1958;

Għal daqstant tiddikjara illi l-istess Neguzjant Henry Shirley Furniss-Roe waqaf mill-pagamenti fl-ewwel ta' Awissu 1958.